## SEJĦA SPEĊIFIKA GĦAL PROPOSTI – EAC/16/11

## Karta Universitarja tal-Erasmus 2012

(2011/C 99/05)

### 1. Għanijiet u deskrizzjoni

Il-Karta Universitarja tal-Erasmus tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni Ewropea li tista' twettaq istituzzjoni tal-edukazzjoni superjuri (IES) fi ħdan il-programm Erasmus bħala parti mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (PTTĦ). Il-Karta Universitarja tal-Erasmus għandha tingħata bħala prerekwiżit għal IES biex torganizza l-mobbiltà tal-istudenti u l-mobbiltà tal-għalliema u staff ieħor, biex jagħmlu korsijiet tal-lingwa intensivi u programmi intensivi tal-Erasmus, u biex japplikaw għal proġetti multilaterali, netwerks u miżuri akkumpanjattivi u biex jorganizzaw żjajjar preparatorji. Il-Karta Universitarja tal-Erasmus hija bbażata fuq id-Deċiżjoni PTTĦ ([1]) li tkopri l-perjodu bejn l-2007 sal-2013. L-għanijiet speċifiċi tal-PTTĦ huma elenkati fl-Artikolu 1.3 tad-Deċiżjoni.

### 2. L-applikanti eliġibbli

Il-Karta Universitarja tal-Erasmus tapplika għall-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Superjuri kollha definiti fl-Artikolu 2.10 tad-Deċiżjoni.

L-applikanti jridu jkunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

— is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,

— il-pajjiżi tal-EFTA: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Isvizzera

— il-pajjiżi kandidati: it-Turkija u l-Kroazja

### 3. Id-data tal-għeluq biex jitressqu l-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għall-Karta Universitarja tal-Erasmus għandhom jitressqu mhux aktar tard **mill-25 ta' Mejju 2011**.

### 4. Id-dettalji kollha

L-informazzjoni dwar il-programm Erasmus u l-Karta Universitarja tal-Erasmus tinstab fl-indirizz tal-internet li ġej:

http://ec.europa.eu/llp

L-applikazzjonijiet għandhom isiru skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u huma disponibbli f'dan l-indirizz:

http://eacea.ec.europa.eu/llp/index_en.htm

---

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja. Ara http://eur-lex.europa.eu/lex/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:327:0045:0068:EN:PDF